**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-31 ta' Mejju 2016**

Talba Numru: 898/2015 AM

Numru fuq il-Lista: 01

**Michael Attard Limited (C32362)**
**National Road**
**Blata l-Bajda**

**vs**
**Francina Farrugia 74880(M)**
**Blk 3, Hal Saflieni Heights, Flat 822**
**Triq Patri Indri Schembri,**
**Luqa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-23 ta' Novembru, 2015 li permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta is-somma ta' elf hames mija u hames ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1505.54) rapprezentanti bilanc ta' import ta' erbatax-il kambjata accettata, ffirmata u skaduti mill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt lil-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u hames ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1505.54) bl-imghax legali kontra l-konvenuta mid-data tal-ahhar skadenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**